# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2000**

**Numru 63**

**Citaz. numru 129/91**

Dottor Remigio Zammit Pace, bhala Segretarju, in rapprezentanza tas-socjeta' Elmo Insurance Services Limited, u din rapprezentanti s-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, bhala surrogata bil-polizza u bil-ligi, fid-drittijiet tal-assikurata taghha, is-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited
vs
Alfred E. Aquilina u Godwin Abela, bhala diretturi, in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 24 ta' Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi fid-29 ta' Mejju 1990, is-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited, li taghha l-attur nomine kien l-assikuratur, importat gewwa Malta minn Singapore konsenja ta' plywood fuq il-bastiment "Amsterdam";

Illi meta s-socjeta' assikurata irtirat il-merkanzija, sabet li minn partita ta' tliet crates, kien hemm nieqsa crate li kellha hamsin folji plywood;

Illi bhala kumpens ghal dan in-nuqqas, l-attur nomine hallas lill-assigurat tieghu s-somma ta' hames mija tlieta u tletin lira seba' centezmi (Lm533.07);

Illi l-konvenuti nomine kien responsabbli ghan-nuqqas subit mis-socjeta' importattrici stante li huma naqsu fl-adempiment tal-obbligu taghhom li jokkonsenjaw il-merkanzija kollha li waslet Malta;

Illi s-socjeta' konvenuta, interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni, baqghet inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:-

1. tiddikjarahom responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit; u

2. tikkundannohom li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' hames mija tlieta u tletin lira seba' centezmi (Lm533.07) in linea ta' danni rappresentanti l-kumpens li hallas lill-assigurat tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru 1990, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi u cioe' a tenur tas-sub-inciz (B) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance 1966.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante The Cargo Handling Company Limited, ikkonsenjat l-istess numru ta' Bundles u gew sbarkati mill-vapur "Amsterdam" skond kif huwa ampjament car mill-Joint Tally Sheet Numru M 37305 u l-Gate Pass Out Numru 096705.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Din il-kawza hi wahda mid-diversi li jirrigwardaw talba ghal hlas ta' somma li tkun giet zborzata minn kumpanija assikuratrici in segwitu ghal "claim" minn importatur minhabba xi nuqqasijiet li jkun sofra fil-merkanzija importata.

F'dan il-kaz is-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited kienet importat ammont ta' plywood permezz tal-vapur "Amsterdam" li l-armaturi tieghu hija s-socjeta' Hapag-Lloyd u l-agenti f'Malta l-Bianchi Group of Companies. Fost il-merkanzija kellu jkun hemm tliet "crates" kontenenti "155 sheets marine plywood" taht il-"bill of lading" numru SP/MA 60 bil-marki "DEMA/1756/MALTA". Meta l-importaturi marru biex jirtiraw din il-partita sabu li kien hemm crate b'hamsin folja "plywood" nieqsa. Ghalhekk ghamlu "claim" mas-socjeta' assikuratrici u din halsithom is-somma ta' Lm533.07 skond ic-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata (Lm535.07 skond ix-xhud Albert Tedesco, u Lm545.22 skond is-surroga Dok. JS1 a fol. 43).

In sostenn tal-pretensjoni tieghu l-attur nomine pproduca lil Anthony Spiteri, shipping manager mal-Bianchi Group of Companies, lil Albert Tedesco, shipping manager mas-socjeta' M. Demajo (Timbers) Ltd., lil Aldo Mifsud, ufficjal tad-Dwana, u Jeffrey Scorey, impjegat fil-marine claims department tas-socjeta'attrici.

Anthony Spiteri esebixxa kopja tal-"bill of lading" in kwistjoni (Dok. 1 a fol. 60) li huwa ddeskriva bhala "clean without remarks". Esebixxa wkoll "joint tally sheet" (Dok. 2 a fol. 61) fejn sostna li fil-parti "highlighted" l-indikazzjoni ta' "B/L 60 (3)" tirreferi ghall-partita in kwistjoni. Huwa inoltre esebixxa "cargo report" (Dok. 5 a fol. 42) li ddeskriva bhala rapport li jsir wara li tispicca l-operazzjoni tal-hatt tal-merkanzija u li mill-imsemmi dokument ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas mill-merkanzija in kwistjoni. " Dwar l-ittri "BB" fuq id-Dok. 2 (a fol. 61), cioe' l-"joint tally sheet", ma seta' jghid xejn.

Anthony Spiteri obbliga ruhu li jaghti struzzjonijiet biex jitla' jixhed it-"tally clerk" imqabbad minnhom izda dan baqa' ma sarx.

Albert Tedesco esebixxa kopja tal-"gate pass-out" (Dok. 3 a fol. 40) li turi li meta marru jirtiraw il-merkanzija, sabu zewg "crates" biss mill-partita in kwistjoni. In effetti dan id-dokument jindika li gew rilaxxati zewg "crates" bil-marka "M. Demajo 1756". Esebixxa wkoll kopja tal-Form 2 tad-Dwana (Dok. 4 a fol. 41) mnejn *a retro* jirrizulta li mill-partita msemmija f'dan id-dokument gew rilaxxati biss zewg "crates".

Huwa rrefera ghall "gate pass-out" (Dok. AA2) esebit mill-konvenuti nomine a fol. 14 u stqarr li dak id-dokument jirreferi ghal partita differenti. Dwar dan il-Qorti taqbel peress li n-numru tal-"bill of lading" huwa differenti, u cioe' "SP/MA 49".
Aldo Mifsud esebixxa "query note" (Dok. AM1 a fol. 38) li tinhareg meta jkun hemm xi nuqqasijiet bhal fil-kaz in ezami u "duty entry" (Dok. AM2 a fol. 39).

Jeffrey Scorey esebixxa s-surroga (Dok. JS1 a fol. 43), kopja ta' ittra lis-socjeta' konvenuta (Dok. JS2 a fol. 44), kopja ta' ittra lill-Bianchi Group of Companies (Dok. JS3 a fol. 45) u kopja tal-"bill of lading" (Dok. JS4 a fol. 46).

Ghas-socjeta' konvenuta xehdu Albert Mifsud, tally clerk impjegat maghha, u Peter Bonello.

Albert Mifsud gie muri d-Dok. 2, cioe' l-"joint tally sheet" esebit minn Anthony Spiteri, u stqarr li skond dan id-dokument huwa qabel mat-"tally clerk" ta' l-agenti tal-vapur li nizlu erba' "bundles" ghal "BB". Huwa qal li din x'aktarx hija riferenza ghal "Bugeja Brothers". Spjega wkoll li l-firma tieghu tirrigwarda fejn hemm "BB" jigifieri l-"marks" u fejn hemm "4" (it-"tally") u fejn hemm "4" fit-total biss. Ir-riferenzi ohra fl-istess linja ma jafx bihom u qatt ma saru fil-prezenza tieghu meta ffirma hu. Jidher li x-xhud hawn kien qed jirreferi ghar-riferenzi ghal "B/L" u numri relattivi (fil-linja in kwistjoni, "B/L 60 (3) 61 (1)").

Peter Bonello xehed li fid-Dok. 2 fuq imsemmi, ir-riferenza ghal "BB" hija riferenza ghal "Bugeja Brothers" li kellhom ix-xoghol fuq l-istess vapur. Huwa esebixxa kopja tal-"cargo manifest" (Dok. CH12 a fol. 84 – 115) u fuqu mmarka b'salib ahmar il-partiti destinati lil "BB". Minn dan il-manifest tirrizulta wkoll il-merkanzija destinata lil M. Demajo, u cioe':

(1) B/L 27 – 7 pallets bil-marka "DEMA/1761/MALTA"
(1) B/L 49 – 2 crates bil-marka "DEMA/1763/MALTA"
(1) B/L 60 – 3 crates bil-marka "DEMA/1756/MALTA".

Huwa esebixxa tliet "gate pass-out" (Dok. CH, CH1 u CH2). Mid-Dok. CH u d-Dok. CH2 jirrizulta li l-pallets taht il-"bill of lading" 27 gew irtirati u mid-Dok. CH1 li gew irtirati wkoll il-crates taht il-"bill of lading" 49. Dwar il-"bill of lading" 60 ssir riferenza ghad-Dok. 3 u 4 esebiti minn Albert Tedesco mnejn jirrizulta li gew irtirati biss zewg "crates".

Li jrid jigi stabbilit issa huwa jekk in-nuqqas sehhx qabel ma l-l-merkanzija waslet Malta jew inkella waqt li din kienet taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta. U hawn huma ta' importanza massima t-"tally sheets" li jsiru mit-"tally clerks" waqt il-hatt tal-merkanzija. Peter Bonello esebixxa numru ta' "joint tally sheets" (Dok. CH3 sa CH12). "Tally sheet" ohra kienet giet esebita flimkien man-nota ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti nomine.

Mit-"tally sheets" esebiti minn Peter Bonello jirrizulta:

(1) B/L 27 – nizlu 3 bundles skond "tally sheet" 37302 (Dok. CH4),
nizel 1 bundle skond "tally sheet" 37303 (Dok. CH5),
nizlu 3 bundles skond "tally sheet" 35090 (Dok. CH9),
ghalhekk total ta' sebgha (7).

(1) B/L 49 – nizlu 2 bundles skond "tally sheet" 37304 (Dok. CH6).

(1) B/L 60 - hawn Peter Bonello ghamel riferenza wkoll ghat-"tally sheet" 35090 (Dok. CH9) fejn hemm indikazzjoni li tnizzlu zewg bundles minghajr marki u li jirreferu ghall-"bill of lading" in kwistjoni. Pero' kien diga' gie esebit it-"tally sheet" 37305 (Dok. AA1 a fol. 13) mnejn jirrizulta li taht il-"bill of lading" 60 bil-marka "DEMA 1756" tnizzlu zewg bundles. Ghal kull bwon fini jigi osservat li t-"tally sheet" 37304 esebit minn Peter Bonello u t-"tally sheet" 37305 jidhru redatti u ffirmati mill-istess "tally clerks".

Ghalhekk jidher li in effetti minn fuq il-vapur tnizzlu biss tnejn mill-"crates" destinati lis-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited taht il-"bill of lading" numru 60 u li t-"tally sheet" esebit minn Anthony Spiteri (Dok. 2) ma jirreferix ghall-merkanzija in kwistjoni, cioe' li l-indikazzjoni "BB" fuq dak id-dokument ma tirreferix ghas-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited izda ghal Bugeja Brothers. Konsegwentement, billi ma rrizultax li n-nuqqas sehh meta l-merkanzija kienet tinsab f'idejn is-socjeta' konvenuta, it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Grazio Galea
D/Registratur